

Brussell, 8 ta' Mejju 2018
(OR. en)

8742/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0805 (CNS)

PE 61
INST 182
POLGEN 65

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li tiffissa l-perijodu għad-disa' elezzjoni tar-rappreżentanti għall-Parlament Ewropew b'vot dirett universali – Adozzjoni

1. Skont l-Artikolu 10(1) tal-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali tal-20 ta' Settembru 1976 ("l-Att Elettorali")¹, l-elezzjonijiet tal-2019 għall-Parlament Ewropew għandhom isiru mis-6 sad-9 ta' Ġunju 2019. Madankollu, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(2) tal-Att Elettorali, jekk jirriżulta impossibbli li jsiru l-elezzjonijiet matul dak il-perijodu, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu, wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew, għandu jiddetermina, mill-anqas sena qabel tmiem il-mandat ta' ħames snin, perijodu elettorali ieħor li ma għandux ikun aktar minn xahrejn qabel jew xahar wara l-perijodu normalment applikabbli.

¹ ĠU L 278, 8.10.1976, p. 5; emendat l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/772/KE, Euratom (ĠU L 283, 21.10.2002, p. 1).

2. Wara diskussjoni mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Affarijiet Ġenerali, fl-20 ta' Marzu 2018 il-Kunsill (KAG) iddeċieda li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew dwar abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tiffissa l-perijodu għad-disa' elezzjoni tar-rappreżentanti għall-Parlament Ewropew b'vot dirett universali mit-23 sas-26 ta' Mejju 2019².
 3. Fit-18 ta' April 2018, il-Parlament Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu³.
 4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti hu mistieden jissuġġerixxi lill-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument 7162/18 PE 38 INST 114 POLGEN 29.
-

² Dok. 6948/18.

³ Opinjoni tat-18 ta' April 2018 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).